**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D; Barrister at Law (England & Wales)**

**Rikors Numru: 70/2018 NL**

**Wara l-ittra ufficjali numru 217/18 fl-ismijiet:**

**Automated Revenue Management Services Limited (C-46054)**

**vs.**

**Catherine Pillow**

Illum il-25 ta' Marzu 2021

Il-Qorti

Rat ir-rikors ta' Catherine Pillow tas-26 ta' Marzu 2018 fejn qabel xejn ippremettiet illi permezz tar-rikors taghha tas-26 ta' Marzu 2018, ir-rikorrenti qed topponi t-talba tas-socjeta' Automated Revenue Management Services Limited kif kontenuta fl-ittra ufficjali datata 29 ta' Jannar 2018 (Ittra ufficjali bin-numru 217/18) liema oppozizzjoni qeghda ssir ai termini tal-artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta; Illi in via preliminari, is-socjeta' intimata ma taqax taht il-prevvedimenti fejn tista' tapplika l-artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta ghal kwalsijasi ammont dovut; Illi in via preliminari ukoll, l-imsemmija talba hija preskritta; Illi in via preliminari wkoll, l-imsemmija ittra ufficjali bin-

numru 217/18 hija nulla stante li l-gudizzju mhuwiex integru u jrid jiddahhal min kien ighix fil-fond f'Paceville u s-sidien tal-blokka stante li l-unika relazzjoni tar-rikorrenti mal-fond in kwistjoni kien li ghamlet zmien tghix hemm mal-partner taghha li kien jikri l-appartament iktar minn xi 25 u 30 sena ilu; Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, r-rikorrenti m'ghandha taghti ebda mamont lis-socjeta' intimata u dan wara li ilha xi 25 sena u iktar li kien tghix hemm u ma tafx x'gara mill-appartament hlief li l-blokka twaqqghet u regghet inbniet; Illi f'dawn l-ahhar 25 sena, l-esponenti qatt ma rceviet ebda kont minghand is-socjeta' intimata; Ghaldaqstant,m u in vista tas-suespost, ir-rikorrenti titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara illi l-pretensjonijiet tas-socjeta' Automated Revenue Management Services Limited fil-konfront ta' Catherine Pillow huma preskritti u/jew fin-nuqqas, bhala infondati ai termini tal-artikolu 466 tal-Kap. 12 u tal-ligi u li l-esponenti Catherine Pillow m'ghandha taghti xejn lis-socjeta' ARMS Limited. Bl-ispejjez kontra s-socjeta' intimata u b'rizerva ta' kull azzjoni spettanti r-rikorrenti bil-ligi.

Rat ir-risposta tas-socjeta' Automated Revenue Management Services Limted tat-3 ta' Mejju 2018 fejn eccepiet: (1) illi preliminarjament, kif jidher fir-risposta, l-istess risposta qed issir biss f'isem ARMS Limited u mhux ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tal-Enemalta plc u l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma kif filfatt giet intavolata l-ittra ufficjali promotorja bin-numru 217/2018 (Enfasi tas-sottoskritt); (2) illi dan qed jinghad peress li r-rikors biex tigi kontestata l-imsemmija ittra ufficjali mahruga ai termini tal-Art. 466 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta gie maghmul biss fil-konfront tal-ARMS Limited u ghalhekk kontestat biss fil-konfront tal-istess ARMS Limited u mhux kontestata fil-konfront tal-Enemalta plc u l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma u ghalhekk illum dawn ta' l-ahhar diga' ghandhom titolu ezekuttiv permerzz ta' l-istess ittra ufficjali tante li z-zmien li fih setghet tigi kontestata l-istess fil-konfront ta' dawn ta' l-

ahhar, issa skada; (3) illi preliminarjament ukoll, ir-rikors tar-rikorrenti gie intavolat fuori termine, u cioe' mhux fi zmien ghoxrin jum min-notifika kif jenhtieg fl-artikolu 466 sub artikolu 2 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, stante li r-rikorrenti giet debitament notifikata bl-ittra ufficjali 217/2018 fis-7 ta' Frar 2018 izda r-rikors gie intavolat fis-26 ta' Marzu 2018 u ghalhekk l-ittra ufficjali bin-numru 217/2018 ghandha tigi ddikjarata bhala titolu ezekuttiv; (4) Illi s-socjeta' intimata ghandha dritt tadopera l-azzjoni naxxenti mill-Artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex tigbor ammonti dovuti ghall-provdiment ta' ilma u elettriku ghall-kiri ta' meters relatati (vide Reuben Bonnici et noe vs Godwin Ghigo, Rik. Numru 169/15 FDP, 3/12/2015); (5) illi kif jidher mill-anness prospett li qed jigi mmarkat "Dok. NB1", saru diversi hlasijiet fuq dan il-kont ghan-nom tar-rikorrenti Catherine Pillow li bihom hija a konoxxenza, l-ahhar wiehed igib id-data 25 ta' Marzu 2014, li zgur jinterrompu kull preskrizzjoni eccepita mill-istess rikorrenti Catherine Pillow; (6) illi l-kont li jgib in-numru 101000077155 huwa, u minn dejjem kien registrat f'isem ir-rikorrenti Catherine Pillow, kif se jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-procedura u ghalhekk hija responsabbli ghall-istess; (7) illi jekk, kemm-il darba, ir-rikorrenti ma baqghetx tokkupa l-fond bl-indirizz Flat 1, Blk A, Paceville Crt, Triq Ball, San Giljan, u per konsegwenza ma baqghetx tuza s-servizzi relattivi, kien allura jinkombi fuq l-istess rikorrenti illi tiehu hsieb illi tnehhi u tittrasferixxi il-kont minn fuq isimha fiz-zmien illi hija vvakat l-ismemmi fond; (8) illi di piu', kien proprju fit-3 ta' Frar 2014, ir-rikorrenti nnifisha ssottomettiet zewg formuli ffirmati minnha ghat-tnehhija tas-servizzi tad-dawl u ilma minn fuq isimha, liema formoli qed jigi hawn annessi u mmarkati bhala 'DOK NB2' u 'DOK NB3'; (9) Ghaldaqstant, b'rizerva ghal kull prova ohra kif ikun mehtieg li tingieb, bil-permess ta' din il-Qorti, is-socjeta' ARMS Limited titlob li din l-istess Qorti tichad it-talba tar-rikorrenti bhala minghajr bazi fil-fatt u fid-dritt u tiddikjara l-ittra ufficjali numru 217/2018 pprezentata ai termini tal-Art. 466 tal-

Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta bhala titolu ezekuttiv ukoll a favur l-ARMS Limited kontra r-rikorrenti, bl-ispejjez.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif ippresjeduta permezz tad-digriet ta' l-1 ta' Jannar 2020 mill-Prim Imhallef Emeritus Joseph Azzopardi LL.D.[1]

Rat illi waqt l-udjenza tas-16 ta' Novembru 2020, din il-Qorti ddikjarat il-provi tar-rikorrenti Catherine Pillow maghluqa u fl-istess seduta, is-socjeta' ARMS Limited, iddikjarat il-provi taghha maghluqa wkoll.[2]

Semghet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha in atti;

Rat li l-partijiet iddikjaraw li ser jistriehu fuq il-provi fl-atti u li konsegwentement ma kellhomx sottomissjonijiet x'jaghmlu.

Rat illi l-kawza giet imhollija ghal-lum ghas-sentenza u ma jirrizultax illi saret xi talba ghas-sospenzjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza jew li hemm xi impediment iehor ghall-ghoti tas-sentenza illum;

**Ikkunsidrat**

Illi din hija procedura a tenur tal-artikolu 466 (2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta fejn ir-rikorrenti Catherine Pillow, qeghda tikkontesta l-ittra ufficjali mibghuta mill-ARMS Limited ghad-diversi ragunijiet indikati fir-rikors promotur taghha.

**Ikkunsidrat:**

[1] Folio 32 ta' l-atti processwali
[2] Folio 44 ta' l-atti processwali

Illi qabel xejn, din il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax illi m'hemmx l-icken dubju li l-partijiet f'din il-kawza wrew sens ta' leggerezza assoluta fis-serjeta' ta' dawn il-proceduri. Ibda biex, f'sentejn u nofs, prattikament ma sar xejn, minkejja d-diversi ordnijiet ta' din il-Qorti diversament presjeduta. Barra minn hekk, din il-Qorti tinnota wkoll li l-istess ittra ufficjali l-partijiet qeghdin jitkellmu dwarha, lanqas qatt ma giet ezebita fl-atti ta' dawn il-proceduri.

Dwar dan l-ahhar punt, pero', din il-Qorti ma tistax ma tiehux *judicial cognizance* ta' dan l-att, li fl-ahhar mill-ahhar jirrizulta li huwa att validament intavolat fir-Registru ta' din il-Qorti.

Effettivament, kif tajjeb teccepixxi s-socjeta' ARMS Limited, l-ittra ufficjali bin-numru 217/2018, prezentata fid-29 ta' Jannar 2018, giet validament notifikata lir-rikorrenti Catherine Pillow mal-ewwel tentattiv, fis-7 ta' Frar 2018. Kien hemmhekk li skatta t-terminu ta' ghoxrin (20) jum skond l-artikolu 466 (2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Ir-rikorrenti taccetta li kienet proprju din il-procedura li kellha tadopera, tant li tipprezenta r-rikors taghha a tenur ta' din id-disposizzjoni. Madankollu, hija kellha, skond l-istess disposizzjoni, tipprezenta l-oggezzjoni taghha fi zmien ghoxrin jum, haga li tirrizulta li hija ma ghamlitx peress li r-rikors prezentatu fis-26 ta' Marzu 2018.

B'rizultat ta' dan in-nuqqas, il-pretensjoni ta' ARMS Limited kif dedotta fl-ittra ufficjali 217/2018 giet reza ezekuttiva mal-gheluq tal-ghoxrin jum u ghalhekk l-istess ARMS Limited ghandha ragun meta tghid li l-azzjoni tar-rikorrenti ma tiswiex in kwantu r-rikors gie prezentat fuori termine.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi r-rikors ta' Catherine Pillow billi tichdu fis-shih, u konsegwentement tiddikjara l-ittra ufficjali bin-numru 217/2018 fl-ismijiet *Automated Revenue Management Services Limited vs Catherine Pillow* bhala wahda ezekuttiva.

Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra r-rikorrenti Catherine Pillow.

**Dr. Nadine Lia**
**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**
**Deputat Registratur**